**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 14 ta' Novembru 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 106/2016JVC**

**L-Avukat Dr. Marlin Vella u martu Victoria Vella**

**vs**

**Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru Ghal Ghawdex, f'isem u ghan-nom tal-istess Ministeru**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn Dottor Marlin Vella ppremetta:

1. Illi l-esponenti Marlin Vella ghamel zmien twil jaqdi l-funzjonijiet ta' Assistent Registratur tal-Artijiet, abbinata ma' Agent Direttur tar-Registru Pubbliku, fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex;

2. Illi din l-ahhar funzjoni huwa kien assumiha sa minn Jannar 2001 permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hawn annessa bhala Dokument "B";

3. Illi in vista ta' din l-amalgamazzjoni ta' zewg funzjonijiet separati f'persuna wahda, skont il-*Public Service Management Code* huwa intitolat jircievi *deputising allowance;*

4. Illi madankollu, u minkejja diversi weghdiet matul is-snin, huwa baqa' ma thallas xejn minn din l-allowance;

5. Illi, wara li l-Ministeru kien hatar Grievance Unit sabiex tinvestiga lmenti ta' persuni li, bhar-rikorrenti, iqisu li sofrew xi aggravju, l-esponenti ntavolaw rikors quddiem dik il-Unit, u permezz ta'

decizjoni datata tnax (12) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) tal-Grievance Unit irrakkomanda illi r-rikorrenti Marlin Vella ghandu jithallas *deputising allowance* skont l-artikolu 2.4.6.1 B tal-*Public Service Management Code* Verzjoni Marzu 2011 minn Frar 2004:

> *"Fid-dawl ta' dan kollu l-Unit qed jirrakkomanda li l-appellant minnufih jerga' jibda jinghata din l-allowance u dan sa minn Frar 2004, u dan in konformita mal-P.S.M.C. klawsola 2.4.6.1(b)".*

6. Qabel ma giet emendata iktar tard, din il-klawsola kienet tipprovdi illi: "When public officers are appointed to act as Heads of Department in an office which is vacant for any reason other than the absence on full pay leave of the holder and they are required to discharge the duties of their substantive office in addition:

   i. If the offices are distinct and separate offices in different departments, or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another, they receive half the initial emoluments of the office in which they are acting, and the whole of their emoluments in their substantive office;

   ii. Otherwise they are remunerated as though their case falls under paragraph 2.4.6.1 A above".

7. Illi l-*Public Service Management Code* gie emendat f'Marzu 2011 (b'effett minn Novembru 2011) u l-artikolu 2.4.6.1 gie sostitwit b'artikolu 2.4.6.2 (B);

8. Dan l-artikolu vigenti jghid illi:

   "One of the following provisions is applicable in instances where the senior public officer appointed to perform duties in an acting capacity in a Headship position performs the duties of the substantive office, concurrently:

   (i) If the substantive salary is higher than the minimum salary of the acting position, an allowance equivalent to half the difference between the salary of the substantive office and the salary of the acting position is to be paid. Increments earned in the substantive office as well as

other personal allowances to which officers may be entitled to, on account of their substantive office, should still be paid.

(ii) If the substantive salary is lower than the minimum salary of the acting position, an allowance equivalent to the difference between the salary of the acting position and the salary of the substantive office is payable. Increments earned in the substantive office, as well as other personal allowances to which officers may be entitled to, on account of their substantive office, should still be paid, provided that the global emoluments (salary increments allowances) do not exceed the emoluments (salary expense allowance) of the acting office.

9. Ghaldaqstant, wara d-decizjoni tal-Grievance Unit, l-allowance dovuta lir-rikorrenti wara Novembru 2011 giet mahduma u kkalkolata skont dan l-ahhar artikolu. Dwar dan, kif ukoll dwar il-fatt li hija dovuta allowance lill-esponenti talli huwa kien jaqdi dawn iz-zewg funzjonijiet kontemporanjament, hemm qbil bejn ir-rikorrenti u l-intimat;

10. Illi madankollu, l-intimat qieghed jirrifjuta li jhaddem, jikkalkola, u jhallas lill-esponenti l-allowance dovuta ghall-perjodu minn Frar 2004 sa Novembru 2011 fit-termini tal-verzjoni ta' qabel l-emendi u fit-termini tad-decizjoni tal-Grievance Unit mahtura minnu stess.

11. Din id-decizjoni kienet tindika specifikament illi l-allowance ghandha tithallas b'applikazzjoni tal-paragrafu **2.4.6.1 B** tal-*Public Service Management Code*, imma l-intimat qieghed jinsisti li jikkalkula u jhallas din l-allowance skont l-artikolu **2.4.6.1 A** ta' dak il-Kodici.

12. Illi s-subparagrafu A ma huwiex applikabbli ghall-esponenti kemm ghaliex huwa jikkomtempla l-kaz fejn l-allowance hija dovuta lil "*officers acting as heads of department*", meta l-ufficjal mahtur bhala agent direttur ma jibqax jaghmel ix-xoghol relatat mal-grad proprju tieghu wkoll; kif ukoll ghaliex id-decizjoni tal-Grievance Unit kienet wahda cara u esplicita u ma taghti lok ghall-ebda ambivalenza.

13. Illi ghandu jinghad ukoll li minn korrispondenza li rcieva l-esponenti jirrizulta li l-intimat talab rikonsiderazzjoni jew revizjoni ta' din id-decizjoni, izda l-Bord ta' Revizjoni b'mod skjett cahad dik it-talba;

14. Illi konsegwenza ta' dan ir-ragunament hazin u interpretazzjoni skorretta, l-intimat hallas l-esponenti biss allowance ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u disghin euro u sebghin centezmu (€25,291.70) ikkalkolata skont il-paragrafu 2.4.6.1A, flok is-somma ta' disgha u disghin elf, disa' mija u ghaxar euro u hamsa u sittin centezmu (€99,910.65) li kienet dovuta b'applikazzjoni tal-paragrafu 2.4.6.1 B.

15. Illi d-decizjoni tal-Ministeru illi japplika l-paragrafu 2.4.6.1 A flok 2.4.6.1 B, allegatament ittiehdet abbazi ta' ragunament li ghalkemm l-ufficcji tar-Registru Pubbliku u r-Registru tal-Artijiet huma ufficcji distinti u separati, xorta wahda jaqghu taht l-istess dipartiment. Il-Ministeru naqas però milli jzomm quddiem ghajnejh il-konsegwenzi tad-decizjoni tal-Grievance Unit. U sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, naqas milli jkompli jinvestiga jekk l-allowance dovuta kinitx xorta pagabbli taht 2.4.6.1 B peress illi l-ufficcji tar-Registru Pubbliku u r-Registru tal-Artijiet ma kienux superjuri jew subordinati ghal xulxin "*or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another*". Ghalhekk din l-interpretazzjoni tmur ukoll kontra l-ispirtu tal-Public Service Management Code li l-Ministeru qieghed jinterpreta hazin. Dan peress illi:

    (1) skont il-ligi, ir-Registru Pubbliku u r-Registru tal-Artijiet huma distinti minn xulxin tant illi l-ewwel huwa Regolat b'Kapitlu 56 tal-Ligijiet ta' Malta "Att dwar ir-Registru Pubbliku", u t-tieni huwa Regolat b'Kapitlu 296 "Att dwar ir-Registru tal-Artijiet".

    (2) minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda relazzjoni ta' superjorità jew subordinazzjoni bejn l-ufficcju tar-Registru Pubbliku u l-ufficcju tar-Registru tal-Artijiet. Hekk ma hemm ebda relazzjoni ta' superjorità jew subordinazzjoni bejn id-Direttur Registru Pubbliku u r-Registratur tal-Artijiet.

    Ghaldaqstant l-allowance dovuta kellha tammonta ghal nofs il-paga ta' direttur maghduda mal-paga dovuta (u digà mhallsa) ghas-substantive post.

16. Illi ghaldaqstant, il-Ministeru ghad fadallu jhallas lill-esponenti s-somma ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u tmintax-il euro u hamsa u

disghin centezmu (€74,618.95) bhala bilanc ta' *deputising allowance* ghall-qadi tal-funzjoni ta' *Acting Director Public Registry (Gozo)* mill-esponenti Dr. Marlin Vella.

17. Illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-esponent hu dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponent, il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra 1-pagament tad-dejn imsemmi;

18. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et seq sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

19. Illi minkejja illi l-Ministeru ghal Ghawdex gie nterpellat diversi drabi biex ihallas l-allowance kollha dovuta, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru 2016, huwa baqa' inadempjenti.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u tmintax-il euro u hamsa u disghin centezmu (€74,618.95);

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont suespost flimkien mal-imghax legali.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali 541/16 datata erbgha (4) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) u bl-imghaxijiet bl-oghla rata illi tippermetti l-ligi b'effett mid-data tad-decizjoni tal-Grievance Unit sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta guramentata ta' John Borg, Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex f'isem u ghan-nom tal-istess Ministeru illi eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jecepixxi l-improponibilita' tal-azzjoni in kwantu r-rikorrenti ma ndikax taht liema artikolu tal-ligi qed jibbaza l-azzjoni tieghu;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi l-ammont rikjest mir-rikorrenti, jigifieri s-somma ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u tmintax il-ewro u hamsa u disghin centezmu (€74,618.95) mhux dovuta u dan kif ha jigi spjegat f'din ir-risposta guramentata;

4. Illi r-rikorrent Marlin Vella inhatar *'Acting Director Public Registry'* fl-10 ta' Dicembru 2001 u dan permezz ta' hatra ufficjali fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Jannar 2002. Ir-rikorrent inhatar ukoll *'Assistant Land Registrar'* fl-20 ta' Frar ta' 2004 permezz ta' *Call for Application* li giet ippubblikata fil-Gazetta tal-Gvern fl-1 ta' Dicembru 2003. L-istess rikorrent irrizenja mil-post ta *'Acting director public registry'* fis-17 ta' Gunju 2016;

5. Illi f'Dicembru tas-sena 2001, ir-rikorrent kien jibbenefika minn *allowance* sa Frar tas-sena 2004 meta kien *Acting Director of Public Registry*. Madankollu wara li fl-2004 inhatar *Assistant Land Registrar* , ir-rikorrent ma baqax jibbenifika aktar minn tali *allowance* u ghaldaqstant ipprezenta l-allegat aggravju quddiem il-*Grievances Unit* tal-Ministeru t'Ghawdex fis-sena 2014;

6. Illi l-*Grievances Unit* irrakomandaw illi r-rikorrenti jigi moghti l-*allowance* b'arretrati minn Frar 2004 il-quddiem abbazi tal-*Public Service Management Code* (maghruf bhala PSMC) ai termini tal-artikolu 2.4.6.1 (b) qabel ma gie emendat il-PSMC f'Novembru tal-2011;

7. Illi madanakollu il-*Grievances Unit* fir-rakkomandazzjoni taghha ma specifikatx jekk il-komputazzjoni ta' tali *allowance* mertu ta' din il-

kawza kellhiex issir taht il-paragrafu (i) jew (ii) ta' l-istess klawzola (PSMC 2.4.6.1 (b));

8. Illi b'referenza ghall-interpretazzjoni ta' tali komputazzjoni tal-*allowance* mertu ta' din il-kawza l-esponent ikkonferma illi minkejja li l-*land registry* u il-*public registry* huma kkunsidrati separati, dawn kienu jaqghu taht l-istess dipartiment u kienu jirrispondu t-tnejn li huma lid-*Director General (Operations*) fi hdan il-Ministeru t'Ghawdex u dan kollu mill-5 ta' Settembru 2007. Illi *di piu'* qabel il-5 ta' Settembru 2007 iz-zewg registri kienu jaqghu t-tnejn li huma taht id-Direttur *Customer Services* fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex;

9. Illi l-fatti kif imfissrin fil-paragrafu precedenti wasslu ghall-interpretazzjoni korretta illi l-*allowance* mertu ta' din il-kawza ma kellhiex tinghata ai termini tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (i). Dan *stante* di fatto anki jekk minn punt legali l-ufficcji tal-*Land Registry* u tal-*Public Registry* huma kkunsidrati separati u distinti, mil-lat amministrativ dawn l-ufficcji ghandhom jitqiesu li mill-5 ta' Settembru 2007 jaqghu taht l-istess dipartiment, jigifieri taht id-*Directorate General (Operations)* u precedentement taht id-Direttur tal-*Customer Services*. Din l-interpretazzjoni ttiehdet abbazi tar-rekwiziti tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (i) jigifieri:

*When Public officers are appointed to act as heads of department in an office which is vacant for any reason other than the absence on full pay leave of the holder and they are required to discharge the duties of their substantive office in addition:*

*i.* *If the offices are distinct and separate offices* ***in different departments****, or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another, they receive half the initial emoluments of the office in which they are acting, and the whole of their emoluments in their substantive office;*

*ii.* *Otherwise they are renumerated as though their case falls under paragraph 2.4.6.1 A above.* ***(Sottolinjar tal-esponent)***

Illi ghaldaqstant l-ufficcji tal-*Land Registry* u l-*Public Registry* ma setghux jitqiesu li jaqghu taht *"different departments"*. Illi *di piu'* it-tieni parti tal-paragrafu 2.4.6.1 (B) i) jigifieri *"or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another"* ma giex sodisfatt peress illi kemm l-ufficcju ta' *land registry* u dak tal-*public registry* jirrispondu taht is-subordinazzjoni tal-istess direttur, jigifieri id-*Director General Operations.* Ghalhekk l-esponent ipproceda biex jikkalkola l-allowance taht il-paragrafu (ii) tal-istess klawzola li taghmel referenza ghall-artikolu 2.4.6.1 A li tghid illi:

*Officers acting as Heads of Department are allowed acting pay as follows:*

i. *if their substantive emoluments are not less than the minimum emoluments of the office in which they are acting, they are to receive the former;*

ii. *otherwise they receive half the initial salary of the office in which they are acting and half the initial salary of their substantive office, and all the increments which they have earned in their substantive office and any personal allowances to which they may be entitled, provided that they do not receive in all more than the minimum emoluments of the office in which they are acting.*

*This allowance is paid independently of whether the salary attached to the post is available or not, i.e. also during the absence on full-pay leave of the substantive holder of the post. During such periods officers do not receive salary in respect of the substantive post. If the uninterrupted period exceeds 1 year and the salary scale of the post in which officers are acting is incremental, officers will be entitled to the normal increments.*

Illi s-subparagrafu A huwa applikabbli fil-kaz tar-rikorrenti ghaliex il-kariga ta' agent direttur certament hija kariga ta' **officer <u>acting</u> as a head of department. (Sottolinjar tal-esponent).**

10. Illi ghaldaqstant il-komputazzjoni koretta ai termini tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (ii) ghall-allowance bejn Frar tas-sena 2004 sa Novembru tas-sena 2011 kellha ssir abbazi tal-artikolu 2.4.6.1 A tal-PSMC li

ammontat għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, mitejn u wieħed u disgħin ewro u sebgħin ċentezmu (€25,291.70) . Tali somma giet imħalsa lir-rikorrent Dr Vella permezz ta' input fid-Dakar Department ref no 11/045 fil-pagament tas-salarju ta' Novembru 2016;

11. Illi r-rikorrenti fir-rikors guramentat isostni repetitivament illi l-esponent ma mexiex skont id-decizjoni tal-*Grievances Unit* dwar l-allowance mertu ta' din il-kawza. L-esponent assolutament ma jaqbilx ma' din id-dikjarazzjoni *stante* illi:

   i. Fl-Ewwel lok l-esponent jirrileva illi huwa adixxa pjenament mar-rakkommandazzjoni tal-*Grievances unit*. Il-*grievances unit* għamlet rakkommandazzjoni fis-sens illi r-rikorrent Dr Vella kien jisthoqlu xi tip ta' allowance għal-qadi tal-kariga ta' *Acting Director of Public Registry* u minnufih l-esponent ħallas r-rikorrent is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, mitejn u wieħed u disgħin Ewro u sebgħin ċentezmu (€25,291.70) minn Frar 2004 sa Novembru 2011 u dan abbazi ta' *Acting Allowance* ai termini tal-artikolu 2.4.6.1 B (ii) u l-artikolu 2.4.6.1 A;

   ii. Fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju il-*Grievances Unit* għandu l-funzjoni li jinvestiga dwar allegati aggravji verso l-impjegati tal-Gvern fi ħdan dak il-Ministeru partikolari fuq talba ta' xi impjegat. Il-*Grievances Unit* m'huwiex stabbilit ai termini tal-PSMC jew ta' xi ligi oħra imma huwa unit maħtur internament fil-Ministeru u l-funzjoni tiegħu huwa li jagħti rakkomandazzjoni dwar x'għandu jsir fid-dawl ta' xi allegat aggravju. Madankollu l-aħħar decizjoni dejjem tispetta lis-Segretarju Permanenti u l-Ministru kkoncernat wara li jkunu qiesu b'mod biezel u siewi r-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Unit. U dan kif gara għall-*allowance* mertu ta' din il-kawza.

12. Mingħajr pregudizzju għas-suespost jingħad illi r-rikorrenti fir-Rikors Guramentat qed jitlob li jingħata *Deputising Allowance* u

mhux *Acting Allowance*. Id-differenza bejn it-tnejn hija illi l-*Acting Allowance* hija dik l-*allowance* li tohrog mill-artikoli 2.4.6.1 B u A tal-PSMC mentri d-*deputising allowance* tohorg mill-artikolu 2.4.6.2 tal-PSMC. Wara analizi taz-zewg artikoli johrog car illi it-talba tar-rikorrenti hija zbaljata u nkoretta *stante* li l-pagament fid-Dakar Department ref no 11/045 tas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u disghin ewro u sebghin centezmu (€25,291.70) inghata abbazi ta *acting allowance* ai termini tal-artikoli 2.4.6.1 B u 2.4.6.1 A u mhux ta' xi *deputising allowance* hekk kif rikjest mir-rikorrenti;

13. Illi di piu', ir-rikorrenti bhala *Acting Director of Public Registry* jekk se mai kien jisthoqqlu xi tip ta' allowance, certament l-allowance tieghu ma kienx jaqa' taht it-terminu ta' *deputising allowanc*e ghaliex ir-rikorrenti ma koprix xi rwol ta *deputy public registrar* imma biss *acting director of public registry* u ghalhekk ir-rikorrenti huwa zbaljat meta jghid illi huwa ma kienx jokkupa l-kariga ta' **Acting head of department**. Ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti okkupa l-kariga ta' Acting Head of Department *stante* li l-post ta' Director of Public Registry baqa' vakat sa 2013 u oltre din id-data u dan kif iddikjarat l-ex Direttur Customer Services is-sinjura Joyce Dimech (October 2004 sa Marzu 2013). Ghaldaqstant peress li l-ufficcju tad-Direttur ta' Registru Pubbliku kien vakat, l-Agent Direttur jagixxi (acting) bhala d-Direttur tar-Registru Pubbliku;

14. Ghalhekk l-esponent umilment jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tgharaf id-distinzjoni bejn *acting allowance* u *deputising allowance*;

15. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u jekk wiehed jidhol fil-mertu tat-talba ghall-hlas tal-*allowance* mertu ta' din il-kawza u sussegwentement ir-rakkomandazzjoni li saret quddiem il-Grievances Unit, wiehed jara illi paragrafu 4.2 tal-*Call for applications* ipubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-1 ta' Dicembru 2003 b'liema r-rikorrenti Dr Marlin Vella gie appuntat *Assistant Registrar*

*(Land Registry – Gozo) in the department of Customer Services, Ministry For Gozo"* hemm inkluz kundizzjoni esplicita li tghid illi:

*"The duties also include responsibility for the management of the Gozo Public Registry."*

Illi ghaldaqstant tali frazi tiggusitifika b'mod car u minghajr ebda dubju d-decizjonijiet mehuda mill-*employee relations unit* tal-*management and personnel office* illi id-dmirijiet ta' Dr Vella bhala *acting director of public registry in Gozo* huma nfatti parti mid-dmirijiet miftehma u ppubblikati bhala *Assistant Registrar (Land Registry – Gozo)* u li ghaldaqstant il-hrug ta' pagament bhala *allowance* ghall-prestazzjoni ta' dmirijiet addizzjonali ma tezistix;

16. Illi minnufih l-esponent qieghed jirrespingi kull allegazzjoni kif vantata mir-rikorrenti bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt;

17. Illi l-komputazzjoni tal-esponent hija wahda gusta, maghmula *ai termini* tal-ligi u tal-PSMC u ghandha tigi kkonfermata;

18. Illi ghar-ragunijiet suesposti u kif ha jigi trattat fil-*mori* ta' din il-kawza, l-esponent idderiga ruhu b'mod korett meta ghamel il-komputazzjoni tal-allowance ghall-perjodu Frar 2004 sa Novembru 2011 u ghaldaqstant is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u disghin Euro u sebghin centezmu (€25,291.70) ghandha tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-*mori* ta' dan ir-rikors l-esponent qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-kaz.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Gunju, 2017 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partjiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Illi huwa nkontestat bejn il-partijiet li r-rikorrent Dr. Marlin Vella inhatar Agent Direttur tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex b'effett mill-10 ta' Dicembru 2001 u dan permezz ta' hatra ufficjali fil-Gazzetta tal-Gvern fi-25 ta' Jannar 2002 (fol. 10). Huwa wkoll inkontestat li r-rikorrent inhatar Agent Assistent Registratur tal-Artijiet fl-20 ta' Frar ta' 2004 wara 'Call for Application' debitament pubblikata kopja taghha esebita fl-atti a fol. 125 *et seq* u kif konfermat permezz ta' ittra mibghuta lilu datata 8 ta' Frar, 2004 esebita a fol. 90 tal-process. Jirrizulta li r-rikorrent irrizenja mil-post ta 'Acting Director Public Registry' fis-17 ta' Gunju 2016;

Illi hemm qbil ukoll bejn il-partijiet li minn Dicembru tas-sena 2001, ir-rikorrent kien jibbenefika minn *allowance* u dan sa Frar tas-sena 2004 sakemm kien Agent Direttur Registru Pubbliku. Jirrizulta izda li minn meta fi Frar, 2004 ir-rikorrent inhatar Agent Assistent Registratur tal-Artijiet r-rikorrent ma baqax jibbenifika minn din l-*allowance*. Fis-sena 2014 konsegwenti ghal dan in-nuqqas ta' hlas ta' allowance r-rikorrenti pprezenta aggravju quddiem il-'*Grievances Unit*' fi hdan il-Ministeru t'Ghawdex.

Illi l-Grievances Unit ghamel ir-rakkomandazzjoni li giet ukoll ikkonfermata wara appell intavolat mill-Ministeru kif isegwi:

''Fic-cirkustanzi kif gew esponuti l-fatti f'dan il-kaz itrattat, il-Unit huwa konvint li l-appellant qed ikun sottomess ghall-ingustizzja kostanti u dan ghaliex mhux jithallas id-*deputising allowance* minkejja li huwa jaqdi l-funzjoni ta' *Acting Director Public Registry (Gozo)*, funzjoni li beda jaqdi sa minn Jannar 2001 permezz tal-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Unit qed jirrakkomanda li l-appellant minnufih jerga' jibda jinghata din l-allowance u dan sa minn Frar 2004, u dan in konformita' mal-P.S.M.C. klawsola 2.4.6.1 (b).' (ara fol. 11 u 12)

Jirrizulta lill-Qorti li dak li wassal lill-partijiet ghal din il-kawza ma kienx in-nuqqas ta' qbil mar-rakkomandazzjoni tal-*'Grievances Unit'* anzi, wara d-decizjoni tal-appell, m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-Ministeru ghamel hlas lir-rikorrent fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u disghin euro u sebghin centezmu (€25,291.70) abbazi tal-istess rakkomandazzjoni. Li ma hemmx qbil bejn il-partijiet huwa dwar il-kalkolu li fil-fatt kellu jsir abbazi tal-istess rakkomandazzjoni u dan ghaliex filwaqt li r-rikorrent baqa' dejjem jinsisti li l-kalkolu kellu jsir ai termini tal-klawsola 2.4.6.1 B (i) w'ghalhekk is-somma dovuta lilu kienet titla' ferm aktar minn dik imhallsa b'dana li tirrizulta differenza bejn dak imhallas u dak li ghadu dovut ghas-somma ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u tmintax-il euro u hamsa u disghin centezmu (€74,618.95). Min-naha l-ohra l-Ministru intimat jinsisti fl-eccezzjonijiet tieghu li l-pagament li sar huwa dak kalkolat ai termini tal-klawzola 2.4.6.1 B (ii) huwa dak korrett w'allura jinsisti li ma hemm xejn aktar dovut. Din il-vertenza dwar liema klawzola tal-P.S.M.C. kellha tigi uzata sabiex isir il-kalkolu ta' dak dovut lir-rikorrent wasslet ghall-kawza odjerna quddiem din il-Qorti.

Illi l-klawzola tal-Public Service Management Code in kontestazzjoni bejn il-partijiet (jew ahjar l-interpretazzjoni u l-applikabilita' taghha huwa in kontestazzjoni) taqra kif isegwi (dan qabel ma kien hemm ukoll emendi fl-istess Kodici li dwar dan izda hemm qbil bejn il-partijiet):

*'When Public officers are appointed to act as heads of department in an office which is vacant for any reason other than the absence on full pay leave of the holder and they are required to discharge the duties of their substantive office in addition:*

*i. If the offices are distinct and separate offices in different departments, or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another, they receive half the initial emoluments of the office in which they are acting, and the whole of their emoluments in their substantive office;*

*ii. Otherwise they are renumerated as though their case falls under paragraph 2.4.6.1 A above.'*

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Illi jirrizulta li l-Ministeru ntimat ressaq bosta eccezzjonijiet li jew jistghu jigu kkunsidrati preliminari jew li jehtieg li jigu decizi qabel ma wiehed jibda jikkunsidra x'tip ta' kalkolu ghandu jsir jekk it-talba hija gjustifikata.

(i) Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat jeccepixxi l-improponibilita' tal-azzjoni in kwantu r-rikorrenti ma ndikax taht liema artikolu tal-ligi qed jibbaza l-azzjoni tieghu.

Fuq dan il-punt l-intimat jissottometti fost ohrajn kif isegwi:

"Illi r-rikorrent naqas milli jindika fuq liema bazi u taht liema artikolu huwa qieghed isejjes it-talba tieghu b'rizultat illi l-esponent kellhu jilqa' ghal kull eventwalita' u jipproduci risposta estensiva (aktar minn tmintax-il paragrafu) sabiex ma jigix ippregudikat fid-difiza tieghu.

Illi r-rikorrent jindika illi l-esponent jirrikonoxxi huwa stess illi l-azzjoni hija mpernjata fuq il-PSMC 2.4.6.1 (b) (i). L-esponent jirrileva illi certament dan m'huwiex minnu *stante* illi r-rikorrenti issemmi deputising allowance u mhux acting allowance fir-rikors guramentat tieghu. Dawn iz-zewg tipi t'allowances jaqghu taht kapi differenti taht il-PSMC, u kif ha jigi jispjegat aktar 'il quddiem f'din in-nota, jwasslu ghall-interpretazzjoni differenti ghas-sustanza ta' allowances li jinghataw lill-ufficjali mas-settur pubbliku.

Illi biss wara kjarafika li saret fil-mori tal-kawza, l-esponenti seta' jiddentifika specifikament taht liema kap ir-rikorrent qieghed jippretendi l-allowance jigi kkalkulat u mhallas. Illi din il-kjarifika sehhet senjatament fix-xhieda tar-rikorrenti Dr Marlin Vella fis-seduta ta' 19 ta' Mejju 2017:

*"Ix-Xhud:*
*In actual fact, it is an Acting Allowance. Jiena kkwotajt forsi mmiskwotajt, imma dak li kitbu l-Grievance Board.* ***Issa jekk hix Acting Allowance jew Deputising****...".*

Da parti tieghu r-rikorrent ghal din l-eccezzjoni jissottometti kif isegwi:

"B'din l-eccezzjoni, l-intimat isostni li sabiex attur ikun jista' jipprezenta talba quddiem il-qrati taghna huwa mehtieg li jinkwadraha taht xi artikolu tal-ligi partikolari; u fin-nuqqas l-azzjoni tieghu tkun improponibbli.

Jidher ghalhekk li hawnhekk, l-intimat qieghed jikkontesta l-validità, mill-perspettiva purament formali tal-azzjoni odjerna.

Huwa sottomess bir-rispett li din l-eccezzjoni setghet kienet f'lokha fiz-zminijiet remotament antiki tas-sistema gudizzjarja taghna, imma certament ma hemmx lokha wara l-emendi ghall-Kap. 12 li kienu gew introdotti fl-1995.

Effettivament, imbaghad, kif del resto jirrikonoxxi l-intimat innifsu meta jittratta din id-dispozizzjoni *in funditus* fir-risposta guramentata tieghu, l-azzjoni attrici hija mpernjata fuq il-PSMC2.4.6.1(b)(i), kif ikkonfermata u applikata mill-Grievance Unit, mahtur mill-intimat innifsu, fid-decizjoni adottata minn dak il-korp fit-12 ta' Jannar 2016. [1]

Din id-decizjoni kienet giet sahansitra kkonfermata mill-Bord ta' Revizjoni bid-decizjoni ta' dak il-korp, kif ikkomunikata lill-attur permezz ta' ittra datata sitta (6) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016), wara li l-intimat odjern kien talab revizjoni taghha.[2] L-esponenti jishaq ukoll li din id-decizjoni fiha nnifisha, u b'zieda mad-dispozizzjonijiet tal-Public Service Management Code, tikkostitwixxi bazi valida ghall-azzjoni quddiem il-qrati tal-pajjiz. La darba, sabiex tindirizza l-ingustizzji li jkunu sofrew l-impjegati taghha fil-kors jew minhabba l-impjieg taghhom, u l-ilmenti ta' dawk l-impjegati, l-amministrazzjoni pubblika tahtar korpi sabiex jinvestigaw dawk l-ilmenti u jivverifikaw jekk verament sehhitx jew le l-ingustizzji li ghalihom jirrelataw dawk l-ilmenti, ir-rakkommandazzjonijiet ta' dawk il-korpi joholqu drittijiet kweziti u aspettattivi legittimi favur l-impjegati u kontra l-amministrazzjoni pubblika, u ghalhekk jikkreaw *jus agendi* favur dawk l-impjegati, anki jekk ir-rakkommandazzjoni ma hijiex awtomatikament ezegwibbli bhal sentenza ta' tribunal jew qorti. Altrimenti l-holqien ta' dawk il-korpi ma jkun xejn inqas u xejn iktar minn sprekar ta' flus pubblici, sforzi, hin u mpenn ta' kull min hu nvolut u dahk fil-wicc tal-impjegati nvoluti illi jirrikorru ghalihom.

Sabiex jinghad kollox, f'dan il-kaz, l-amministrazzjoni pubblika nnifisha tirrikonoxxi li hija marbuta bir-rakkommandazzjoni tal-Grievance Unit u l-konferma tal-Bord ta' Revizjoni, ghaliex, ghalkemm kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-attur u s-Segretarju Permanenti dwar l-interpretazzjoni preciza u l-applikazzjoni ta' dik ir-rakkommandazzjoni, l-amministrazzjoni pubblika applikat almenu in parti d-decizjoni tal-Grievance Unit u f'Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) hallset parti mis-somma dovuta."

Illi din il-Qorti ma taqbel xejn mil-lat legali mal-eccezzjoni tal-intimat stante li minn qari tar-rikors guramentat huwa car li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija l-applikazzjoni korretta tar-rakkomandazzjoni tal-'*Grievances Board*', kif konfermata mill-appell inkluz l-artikolu tal-P.S.M.C li ghalih issir referenza fid-decizjoni liema nuqqas ta' qbil dwar tali applikazzjoni wassal ghall-kawza odjerna sabiex din il-Qorti tiddeciedi ai termini ta' liema sub-artikolu kellu jigi kkalkolat l-ammont

[1] Dokument C mar-Rikors Guramentat
[2] Dokument D mar-Rikors Guramentat

li l-istess decizjoni tal-'*Grievances Board*' indika li kien dovut lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ntavola l-kawza stante li jsostni li hemm ammont li ghadu dovut lilu mill-intimat u talab li din il-Qorti tikkonferma dan l-ammont bhala li ghadu dovut. Ghalkemm fit-talbiet *per se* ma gie ndikat l-ebda artikolu tal-ligi, fir-rikors guramentat saret referenza ampja ghall-bazi kemm fattwali kif ukoll legali li fuqha kienet qed tigi msejsa t-talba tar-rikorrent w'ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

(ii) Illi l-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-hdax-il eccezzjoni tal-intimat li taqra kif isegwi:

"11. Illi r-rikorrenti fir-rikors guramentat isostni repetitivament illi l-esponent ma mexiex skont id-decizjoni tal-*Grievances Unit* dwar l-allowance mertu ta' din il-kawza. L-esponent assolutament ma jaqbilx ma' din id-dikjarazzjoni *stante* illi:

i. Fl-Ewwel lok l-esponent jirrileva illi huwa adixxa pjenament mar-rakkommandazzjoni tal-*Grievances unit*. Il-*grievances unit* ghamlet rakkommandazzjoni fis-sens illi r-rikorrent Dr Vella kien jisthoqlu xi tip ta' allowance ghall-qadi tal-kariga ta' *Acting Director of Public Registry* u minnufih l-esponent hallas r-rikorrent is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u disghin Ewro u sebghin centezmu (€25,291.70) minn Frar 2004 sa Novembru 2011 u dan abbazi ta' *Acting Allowance* ai termini tal-artikolu 2.4.6.1 B (ii) u l-artikolu 2.4.6.1 A;

ii. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju il-*Grievances Unit* ghandu l-funzjoni li jinvestiga dwar allegati aggravji verso l-impjegati tal-Gvern fi hdan dak il-Ministeru partikolari fuq talba ta' x'impjegat. Il-*Grievances Unit* m'huwiex stabbilit ai termini tal-PSMC jew ta' xi ligi ohra imma huwa unit mahtur internament fil-Ministeru u l-funzjoni tieghu huwa li jaghti rakkomandazzjoni dwar x'ghandu jsir fid-dawl ta' xi allegat aggravju. Madankollu l-ahhar decizjoni dejjem tispetta lis-Segretarju Permanenti u l-Ministru kkoncernat wara li jkunu qiesu b'mod biezel u siewi r-rakkomandazzjoni moghtija mill-Unit. U dan kif gara ghall-*allowance* mertu ta' din il-kawza.'

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-kontradizzjoni bejn l-ewwel parti ta' din l-eccezzjoni u t-tieni parti taghha. Fl-ewwel lok il-Ministeru ntimat jinsisti li l-pagament li sar, sar ai termini ta' dak rakkomandat mill-'*Grievances Unit*' izda min-naha l-ohra fit-tieni parti jsostni li hu mhux marbut mal-istess decizjoni. L-istess jista' jinghad ghas-sbatax-il eccezzjoni fejn l-intimat jeccepixxi kif isegwi:

"Illi il-komputazzjoni tal-esponent hija wahda gusta, maghmula *ai termini* tal-ligi u tal-PSMC u ghandha tigi kkonfermata."

Din il-Qorti tqis li legalment l-intimat ma jistax f'nifs wiehed l-ewwel jikkontesta li hu mhux marbut mad-decizjoni tal-'*Grievances unit*' u fl-istess hin jinsisti ma' din il-Qorti li l-hlas li ghamel huwa in konformita' mad-decizjoni tal-istess '*Grievances Unit*' kien korrett. Il-Qorti tqis li la darba l-Ministeru ntimat accetta li jaghmel pagament ai termini tad-decizjoni tal-'*Grievances Unit*' u dan qabel ma nfethet il-kawza odjerna allura dan ghandu jitqies li fil-mument li hareg il-hlas huwa accetta dik id-decizjoni u ma jistax jigi fi stadju sussegwenti jerga' jiftah dubji dwar il-validita' tal-istess decizjoni jew dwar jekk hux marbut mal-istess jew le. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-hdax-il eccezzjoni tal-intimat u eccezzjonijiet ohra fuq l-istess linja fejn jikkontestaw l-validita' o meno tad-decizjoni tal-'*Grievances Board*' u jekk il-Ministeru hux marbut mal-istess ghandhom ghar-ragunijiet suesposti jigu michuda.

(iii) L-istess jista' jinghad dwar il-hmistax-il eccezzjoni da parti tal-Ministeru ntimat u dan ghaliex f'din l-eccezzjoni l-intimat qed jikkontesta l-validita' tad-decizjoni tal-'*Grievances Board*' abbazi tal-kontenut tal-'*call for applications*' li konsegwenti ghaliha r-rikorrent Dr. Marlin Vella gie appuntat Agent Assistent Registratur tal-Artijiet stante li skont il-Ministeru din is-sejha kienet tinkludi wkoll ix-xoghol li kien qed jaghmel fir-Registru Pubbliku w'ghalhekk ma kienet dovuta l-ebda '*allowance*' kif iddikjara l-'*Grievances Board*'. Ghal darb'ohra l-Qorti tqis li tali eccezzjoni kienet tregi legalment u kien ikun jisthoqqilha li tigi mistharrga ghalkemm mhux neccessarjament milqugha li kieku l-Ministeru, qabel ma nfethet il-kawza, baqa' jinsisti li ma jagixxix skont ir-rakkomandazzjoni tal-bord u ma jhallasx izda huwa legalment inkoncepibbli li wara li l-Ministeru accetta din id-decizjoni u ghadda sabiex hareg pagament ai termini tal-istess, li issa jmur lura fil-passi tieghu u jerga' jqajjem dubji dwar id-decizjoni tal-bord aktar u aktar meta fis-sbatax u t-tmintax-il eccezzjoni tieghu l-intimat b'kontradizzjoni assoluta jinsisti li l-komputazzjoni tieghu ai termini tad-decizjoni tal-'Grievances Board' hija dik korretta. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ser tghaddi wkoll sabiex tichad il-hmistax-il eccezzjoni tal-intimat.

(iv) Illi l-Qorti f'dan l-istadju taghmel ukoll referenza ghat-tnax, tlettax u erbatax-il eccezzjoni tal-Ministeru ntimat li strettament lanqas jistghu

jigu kkunsidrati bhala eccezzjonijiet izda huma biss spjegazzjoni li dak li qed jitlob ir-rikorrent mhux *deputising allowance* izda *acting allowance*. Il-Qorti tifhem li minn qari tad-decizjoni tal-'*Grievances Board*' l-uzu tal-kelma '*deputising allowance*' (ara fol. 11 u 12) jista' jkun li jfixkel ftit l-imhuh u jqajjem dubju dwar x'kellu ezatt jitnizzel fir-rikors guramentat izda la darba fl-istess decizjoni saret referenza cara ghall-klawsola tal-P.S.M.C. 2.4.6.1 B li tirreferi skjettement ghal '*acting allowance*' (ara fol. 13) m'ghandux ghalhekk ikun hemm dubju li dak li qed jitlob li jithallas bhala differenza lilu r-rikorrent huwa bilanc ta' '*acting allowance*'. Jirrizulta ghalhekk li fil-kaz ta' dawn it-tlett eccezzjonijiet mhijiex kwistjoni dwar jekk din il-Qorti ghandhiex tilqa' jew tichad l-istess izda se mai tqis li ghandha tiddikjara li huwa car li dak mitlub mir-rikorrent huwa '*acting allowance*' u mhux '*deputising allowance*'.

**Ikkunsidrat ulterjorment fuq il-mertu:**

Illi jirrizulta lill-Qorti li l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat jikkonsistu aktar fi spjegazzjoni u nsistenza fuq l-interpretazzjoni tieghu tad-decizjoni tal-'Grievances Unit' u tal-artikolu 2.4.6.1 B (i) u (ii) u kif wasal ghall-hlas li gia sar lir-rikorrenti b'insistenza li huwa agixxa korrettement.

Illi da parti tar-rikorrenti tista' tghid li r-rikors guramentat tieghu jikkonsisti f'esposizzjoni ta' fatti u nterpretazzjoni tal-istess artikolu 2.4.6.1 B (i) u (ii) skont l-istess rikorrent u li huwa jinsisti li gie applikat hazin mill-intimat w'ghalhekk jitlob li din il-Qorti tapplika fil-kalkolu ta' dak dovut l-artikolu skont l-interpretazzjoni kif moghtija mill-istess rikorrent.

Illi kif gia nghad il-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija l-interpretazzjoni tal-artikolu 2.4.6.1. B (i) u (ii) ghall-kaz odjern.

Da parti tieghu r-rikorrenti dwar dan il-punt fis-sottomissjonijiet tieghu jsostni kif isegwi:

'Issa, f'dan il-kaz, *ex admissis* l-intimat jikkontesta l-applikazzjoni tas-subartikolu (b)(i) unikament u esklussivament ghaliex isostni li l-ufficcji tar-Registru Pubbliku u dak tal-Land Registry ma humiex ufficcji distinti u separati f'dipartimenti differenti. Madankollu dan is-subartikolu ma japplikax biss fil-kaz li l-ufficcji jiffurmaw parti minn dipartimenti separati; imma wkoll fil-kaz li wiehed ma huwiex f'relazzjoni mmedjata ta' superjorità jew subordinazzjoni.

Il-kelma operattiva hawnhekk hija l-avverbju "**or**" minflok il-kongunzjoni "**and**". Fi kliem iehor, dan is-subartikolu japplika fil-kaz li jigi sodisfatt xi wahda miz-zewg kundizzjonijiet ta' applikabbiltà tieghu, jew li l-ufficcji jkunu jiffurmaw parti minn dipartimenti separati jew inkella, alternattivament, jekk wiehed mhux subordinat ghall-iehor. Isegwi ghalhekk li r-referenza ghas-subartikolu a tidhol fis-sehh biss jekk l-ufficcji jaqghu fl-istess dipartiment **u fl-istess waqt** wiehed minnhom huwa subordinat ghall-iehor.

Issa, ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-kariga ta' Registratur tal-Artijiet ma hijiex subordinata ghall-kariga ta' Direttur tar-Registru Pubbliku u ma tgawdix xi superjorità fuq dan tal-ahhar, jew vice versa. U lanqas ma huwa l-ufficcju tar-Registru Pubbliku subordinat jew igawdi xi superjorità fuq ir-Registru tal-Artijiet.

Ghaldaqstant ma hemm xejn li fil-kaz odjern jista' jostakola l-applikazzjoni tas-subartikolu B jew isejjah ghall-applikazzjoni tas-subartikolu A.

In sostenn tal-pozizzjoni tieghu illi jadotta l-artikolu 2.4.6.1 A bhala l-artikolu illi jirregola kemm kellu jhallas *allowance* lill-atturi, fir-risposta tieghu, il-konvenut issottometta "illi di piu' it-tieni parti tal-paragrafu 2.4.6.1 (B) (i) jigifieri 'or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another' ma giex sodisfatt peress illi kemm l-ufficcji ta' *land registry* u dak tal-*public registry* jirrispondu taht is-subordinazzjoni tal-istess direttur, jigifieri id-*Director General Operations*". Jigifieri, skont il-Ministeru l-fatt illi z-zewg ufficcji huma subordinati ghad-Director General Operations ifisser illi l-ufficcji huma subordinati ghal xulxin! Din it-tezi hija manifestament skorretta: Il-Management Code specifikament jindika illi jrid isir ezami jekk l-ufficcji humiex superjuri jew subordinati **ghal xulxin**, u mhux jekk l-ufficcji humiex subordinati t-tnejn fil-konfront tad-Direttur Generali jew xi entità ohra.
Sahansitra, meta mistoqsija in kontroezami waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju 2017, is-sinjura Carmen Ogilvie Galea kkonfermat illi l-ufficcji tar-Registru Pubbliku u tar-Registru tal-Artijiet ma humiex subordinati jew superjuri ghal xulxin:

"Avukat Dottor Carmelo Galea:
Illum qeghdha Direttur Generali. Taf illi l-Land Registry u l-Public Registry do not stand in any –
Ix-xhud:
They do not.
Avukat Dottor Carmelo Galea:
They do not stand in any immediate relation of subordination or –
Ix-xhud:
Le. Imma jaqghu taht l-istess Direttorat bhala amministrazzjoni."
Prattikament ix-xhieda kollha prodotti f'din il-kawza jaqblu illi l-ufficcji tar-Registru Pubbliku u tar-Registru tal-Artijiet ma humiex subordinati jew superjuri ghal xulxin. F'dan ir-rigward xehed l-attur esponenti, Ms Joyce Dimech li ghamlet zmien tokkupa l-kariga ta' Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex,

is-Sur Mario Calleja li ghamel zmien jokkupa l-kariga ta' Director General Operations, is-sinjura Frances Grima, ufficjal gholi fir-Registru Pubbliku, u Andrew Vella, ufficjal gholi fir-Registru tal-Artijiet.

Mario Calleja xehed hekk fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017:
***L-Avukat Dr Carmelo Galea:***
U fir-rigward tad-Direttorat tar-Registru Pubbliku u r-Registru tal-Artijiet, tista' tghidilna x'relazzjoni hemm bejniethom, jekk joghgbok, b'mod partikolari?
***Ix-Xhud:***
Le, huma zewg ufficini distinti minn xulxin, separati, pero' jaqghu taht id-Direttorat Generali *Operations*. Pero' nixtieq naghmel distinzjoni jekk tippermettuli. Jiena sirt, inhtart Direttur Generali *Operations* l-ewwel darba, fit-*two thousand and seven (2007).* Issa qabel dik id-data, qabel il-hamsa (5) ta' Settembru elfejn u seba (2007), ir-Registru Pubbliku, ir-Registru tal-Artijiet u l-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern kienu jaqghu direttament taht id-Dipartiment tal-*Customer Service.* Wara t-*two thousand and seven (2007),* wara l-hamsa (5) ta' Settembru tat-*two thousand and seven (2007)* dawn gew *hived off* mid-Dipartiment tal-*Customer Services*, u waqghu direttament taht id-Direttur Generali *Operations*.
***L-Avukat Dr Carmelo Galea:***
Pero' dejjem kienu ndipendentament minn xulxin, qed tghid inti?
***Ix-Xhud:***
Iva, indipendenti minn xulxin."
Is-sinjura Joyce Dimech waqt l-istess seduta xehdet:
***L-Avukat Dr Carmelo Galea:***
U dawn is-sezzjonijiet specjalment b'mod partikolari, il-*Land Registry* u l-*Public Registry* kellhom xi relazzjoni ta' sussidjarjeta jew inkella superjuri jew inferjuri bejniethom?
***Ix-Xhud:***
Jekk qed nifhmek sew il-mistoqsija x'qed tistaqsini, le, kienu ndipendenti u *stand alone units, so to say.*
***L-Avukat Dr Carmelo Galea:***
Hekk hu.
***Ix-Xhud:***
Li kienu jirrispondu direttament, l-ufficjal inkarigat kien jirrispondi direttament lili jew l-istaff tas-segretarjat tieghi bhall-*Assistant Director* jew *Liason Officers* fir-rigward ta' koordinament tax-xoghol."
Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2016, Frances Grima xehdet:
**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**
U r-relazzjoni taghkom mal-*Land Registry*, intkom bhala ufficju, ghandkom xi relazzjoni specjali mal-*Land Registry*?
**Ix-Xhud:**
Le, ahna bhala *Public Registry* nahdmu bhala *Public Registry*, fix-xoghol tieghi qatt ma kelli x'naqsam mal-*Land Registry*. "
Waqt l-istess seduta Andrew Vella xehed illi:
**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

U r-relazzjoni taghkom mal-*Public Registry*, tista' tispjegahielna? Jekk ghandkomx xi relazzjoni u kif tikkoperaw ma' xulxin? Jekk inthomx subordinati wiehed ghall-iehor?

**Ix-Xhud:**

Ifhem, fejn jidhol xoghol, m'hemmx relazzjoni bejn il-*Public Registry* u l-*Land Registry*.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

M'intomx l-istess ufficcju, jigifieri?

**Ix-Xhud:**

Le.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

Haddiema huma *interchangeable*? Jiskambjaw bejn wiehed u l-iehor jew le?

**Ix-Xhud:**

Le, le. Il-haddiema tal-*Land Registry* jaghmlu xoghol tal-*Land Registry* u l-haddiema tal-*Public Registry* jaghmlu xoghol tal-*Public Registry*.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

U struzzjonijiet wiehed minghand l-iehor ikun hemm?

**Ix-Xhud:**

Le, le, le.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

Jigifieri qiskom zewg dipartimenti separati qed nifhem tajjeb?

**Ix-Xhud:**

Ezatt.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

U Dr Vella, barra mix-xoghol fil-*Land Registry*, taf jekk jaghmilx xi funzjonijiet ohra? Minn dak li taf int?

**Ix-Xhud:**

Dan l-ahhar qieghed mal-*Land Registry* biss.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

Ehhe?

**Ix-Xhud:**

Pero' qabel kien jaghmel in-noti tal-*Public Registry*.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

Jigifieri kien inkarigat mill-*Public Registry* ukoll, qed tghid?

**Ix-Xhud:**

Ezatt ezatt, bhala *administration* ma nistax nidhol fiha.

**L-Avukat Dr Carmelo Galea:**

Ma tafx. Imma kien jaghmel xi funzjonijiet...

**Ix-Xhud:**

Imma naf zgur, ghax jiena qieghed kwazi, l-ufficini taghna jinfdu ghal xulxin, li kien jaghmel in-noti tal-*Public Registry*. "

L-esponenti Dr Vella ilu minn qabel ma nfethet il-kawza jishaq fuq il-fatt illi l-ufficcji tar-Registru Pubbliku u tar-Registru tal-Artijiet ma humiex subordinati jew superjuri ghal xulxin. F'email mibghuta lil Carmen Ogilvie Galea datata erbgha (4) ta' Lulju elfejn u sittax (2016)[3] l-esponenti kien kiteb illi:

---

[3] Dok F mar-Rikors Guramentat (fol 17 tal-Process)

"In fact I presented excerpts from the Public Registry Act (Cap 56) which specifically mentions that the Public Registry Gozo is to be managed by a Director Public Registry (Gozo) and the Land Registry Act (Cap 296) which specifically mentions that the Land Registry shall be managed by a Land Registrar aided by Assistant Land Registrar(s). Thus there is no degree of subordination between a Director Public Registry and an Assistant Land Registrar since these offices are separate and distinct and have no correlation between one another."

Fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016), l-esponenti ghamel l-ahhar tentattiv biex jipprova jikkonvinci lill-konvenut illi l-interpretazzjoni tal-Ministeru ma kinitx korretta:

"Further to our discussion, section 2.4.6.1B i may be interpreted as follows:

Either
If the offices are distinct and separate offices (Land registry and Public Registry are different offices as confirmed by Mr Mario Calleja) (1) in different departments (they are not) **OR** (2) do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another (Land Registry and Public Registry do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another) they receive half the initial emoluments of the office......"

Or

If the offices are (1) distinct and separate offices in different departments (they are not) **OR** (2) do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another (Land Registry and Public Registry do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another, they receive half the initial emoluments of the office......"

I hope that PAHRO concurs with my interpretation that under both scenarios, the fact that the offices although being distinct and separate, are not in different departments is immaterial since condition 2 i.e. that the same offices do not stand in any immediate relation of superiority to one another is amply satisfied"

Ghal din il-korrispondenza, is-sinjura Carmen Ogilvie-Galea rrispondiet fis-26 ta' Ottubru 2016[4] illi:

"I have discussed article 2.4.6.1 B (Version March 2011 of the PSMC) again with the relevant authorities. **Since both roles are within the same structure and since in both instances you were answerable to the same Director/DG from an administrative point of view, the workings will stand**."

Minn dan kollu, jirrizulta bl-aktar mod car illi l-uniku analizi illi (1) l-Ministeru u (2) l-persuni illi maghhom ikkonsulta l-istess Ministeru ghamlu, kienet jekk iz-zewg

[4] Dok F mar-Rikors Guramentat (Fol 15 tal-Process)

ufficcji kienux jaqghu taht l-istess Dipartiment mil-lat amministrattiv. Minkejja l-isforzi tal-esponenti, il-konvenut qatt ma ezamina jekk iz-zewg ufficcji kienux superjuri jew subordinati lejn xulxin.

Minkejja illi l-konvenut u l-ufficjali tieghu diversi drabi jaghmlu referenza ghall-pariri legali u pariri minn awtoritajiet relevanti, huma naqsu milli jipprezentaw il-gist ta' dawn il-pariri. Tant illi s-sinjura Carmen Ogilvie-Galea kkonfermat illi l-Assistent Avukat Generali fl-ufficcju tal-Avukat Generali l-ewwel irrakkomandat illi l-allowance ghandha tinhadem skont artikolu 2.4.6.1 A minghajr ma zvelat ir-raguni ghalfejn l-istess Assistent Avukat Generali rrakkomandat hekk, imbaghad svelat illi sussegwentament, l-istess ufficcju tal-Avukat Generali rrakkomanda illi l-Ministeru ghandu jitlob ri-ezami tad-decizjoni tal-Grievance Board.

L-esponenti jissottomettu illi l-uniku ezami illi kellu jaghmel il-konvenut kien jekk l-esponenti kienx jokkupa zewg karigi f'ufficcji li ma humiex subordinati jew superjuri ghal xulxin. Jidher illi almenu dwar il-fatti, hemm qbil illi l-kariga ta' Direttur Registru Pubbliku ma hix subordinata/superjuri ghall-kariga ta' Assistent Registratur tal-Artijiet. Ghaldaqstant, l-uniku konkluzjoni logika illi kellha tittiehed mill-konvenut kellha tkun illi l-allowance illi kellu jithallas lir-rikorrenti kellu jkun abbazi ta' artikolu 2.4.6.1 B i u mhux abbazi ta' artikolu 2.4.6.1 A.

Jissottomettu wkoll illi, wara illi kien sema' kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-ufficjali mill-Ministeru, il-Grievance Board kien ikkonkluda illi l-allowance ghandha tithallas abbazi ta' artikolu 2.4.6.1 B.

Sfortunatament, però gara illi wara illi l-Grievance Board iddikjara illi kienet saret ingustizzja mar-rikorrenti, u rrakkommanda kif ghandha tissewwa din l-ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni regghet marret ghand l-istess organi illi originarjament kienu qeghdin (forsi minghajr ebda intenzjoni hazina) iwettqu dik l-ingustizzja, jigifieri l-Ministeru ghal Ghawdex u l-PAHRO. Ghalhekk l-impjegati ta' dawn l-organi governattivi baqghu jaraw il-kaz tal-esponenti mill-perspettiva dejqa u skorretta illi dejjem rawha taht amministrazzjonijiet precedenti, u pprovaw jistultifikaw din id-decizjoni u jipperpetraw l-ingustizzja illi kien sofra l-esponenti billi jattwaw id-decizjoni skont kif dehrilhom huma u mhux fil-parametri ffissati mill-Grievance Board u mill-Bord ta' Revizjoni.

Ghaldaqstant, ma kinitx kompentenza tal-Ministeru konvenut illi jaqleb ta' taht fuq dak illi kienet qeghdha tghid id-decizjoni tal-Grievance Board, kif ikkonfermata mill-Bord ta' Revizjoni, u arbitrarjament u minghajr ebda raguni logika jhallas somma bil-wisq inferjuri minn kif kien irrakkomanda l-Grievance Board. Fil-fehma tal-esponenti, dawn il-kunsiderazzjonijiet ghandhom fihom infushom ikunu sufficjenti sabiex jirrendu superfluwu u nutili kull ezami ulterjuri ta' din l-eccezzjoni. Madankollu, sabiex ikun ezawrjenti u fl-eventwalità biss li din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mal-kunsiderazzjonijiet precedenti, l-esponenti jixtieq iressaq is-sottomissjonijiet segwenti in linja sussidjarja.

Fil-verità, l-ufficcji tar-Registratur tal-Artijiet u tar-Registru Pubbliku huma ufficcji distinti u separati li legalment ma jaqghux fl-istess dipartiment. Ghalkemm it-tnejn jiffurmaw parti mill-Ministeru ghal Ghawdex u jaqghu taht l-istess Direttur fi hdan dak il-Ministeru, dan huwa dovut biss ghac-cirkustanza partikolari tal-Ministeru ghal Ghawdex, li b'kuntrast ma' Ministeri ohra jhaddan fih diversi dipartimenti nkwantu biss dawk id-dipartimenti jkunu qeghdin jaqdu l-Gzira ta' Ghawdex minflok dik ta' Malta. Hekk, f'Malta, id-dipartiment tal-agrikoltura, id-dipartiment tal-edukazzjoni, id-dipartiment tal-affarijiet interni, dak tar-registru pubbliku, dak tar-registru tal-artijiet, u d-dipartiment tal-artijiet jaqghu taht id-dekasteru ta' ministri separati; imma f'Ghawdex, dawn ilkoll, jew almenu l-maggoranza kbira taghhom jaqghu taht ir-responsabbiltà ta' Ministru wiehed u ghalhekk jaqghu taht direttur wiehed. Madankollu kif anki xehdu Joyce Dimech u Mario Calleja, dawn id-dipartimenti huma meqjusa li jiffurmaw ufficcji separati u distinti minn xulxin; u dan japplika wkoll ghall-ufficcji tar-Registratur tal-Artijiet u tar-Registru Pubbliku.'

Illi min-naha l-ohra l-intimat dwar dan il-punt jissottometti kif isegwi:

"Illi madanakollu l-Grievances Unit fir-rakkomandazzjoni taghha ma specifikatx jekk il-komputazzjoni ta' tali allowance mertu ta' din il-kawza kellhiex issir taht il-paragrafu (i) jew (ii) ta l-istess klawzola (PSMC 2.4.6.1 (b));

Illi b'referenza ghall-interpretazzjoni ta' tali komputazzjoni tal-allowance mertu ta' din il-kawza l-esponent ikkonferma illi minkejja li l-land registry u l-public registry huma kkunsidrati separati, dawn kienu jaqghu taht l-istess dipartiment u kienu jirispondu t-tnejn li huma lid-Director General (Operations) fi hdan il-Ministeru t'Ghawdex u dan kollu mill-5 ta' Settembru 2007. lli di piu' qabel il-5 ta' Settembru 2007 iz-zewg registri kienu jaqghu t-tnejn li huma taht l-istess Direttur Customer Services fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex;

Illi l-fatti kif imfissrin fil-paragrafu precedenti waslu ghall-interpretazzjoni korretta illi l-allowance mertu ta' din il-kawza ma kellhiex tinghata ai termini tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (i). Dan *stante* di fatto anki jekk minn punt legali l-ufficcji tal-Land Registry u tal-Public Registry huma kkunsidrati separati u distinti, mil-lat amministrativ dawn l-ufficcji kienu dejjem jaqghu taht Direttorat wiehed u cjoe taht id-Direttorat Customer Services u d-Direttorat Generali (Operations) rispettivament. Din l-interpretazzjoni ttiehdet abbazi tar-rekwiziti tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (i) li ma japplikax fil-kaz prezenti jigifieri:

*When Public officers are appointed to act as heads of department in an office which is vacant for any reason other than the absence on full pay leave of the holder and they are required to discharge the duties of their substantive office in addition:*

*i. If the offices are distinct and separate offices in different departments, or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another, they receive half the initial emoluments of the office in which they are acting, and the whole of their emoluments in their substantive office;*

*ii. Otherwise they are renumerated as though their case falls under paragraph 2.4.6.1 A above.*

Illi ghaldaqstant l-ufficcji tal-Land Registry u l-Public Registry ma setghux jitqiesu li jaqghu taht "*different departments*". Illi *di piu'* it-tieni parti tal-paragrafu 2.4.6.1 (B) i) jigifieri "*or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another*" ma giex sodisfatt peress illi kemm l-ufficju ta' land registry u dak tal-public registry jirrispondu taht is-subordinazzjoni tal-istess direttur, jigifieri id-Director General Operations. Ghalhekk l-esponent ipproceda biex jikkalkola l-allowance taht il-paragrafu (ii) tal-istess klawzola li taghmel referenza ghall-artikolu 2.4.6.1 A li tghid illi:

*"Officers acting as Heads of Department are allowed acting pay as follows:*

*i. if their substantive emoluments are not less than the minimum emoluments of the office in which they are acting, they are to receive the former;*

*ii. otherwise they receive half the initial salary of the office in which they are acting and half the initial salary of their substantive office, and all the increments which they have earned in their substantive office and any personal allowances to which they may be entitled, provided that they do not receive in all more than the minimum emoluments of the office in which they are acting.*

*This allowance is paid independently of whether the salary attached to the post is available or not, i.e. also during the absence on full-pay leave of the substantive holder of the post. During such periods officers do not receive salary in respect of the substantive post. If the uninterrupted period exceeds 1 year and the salary scale of the post in which officers are acting is incremental, officers will be entitled to the normal increments."*

Illi s-subparagrafu A huwa applikabbli fil-kaz tar-rikorrenti ghaliex il-kariga ta' agent direttur certament hija kariga ta' officer acting as a head of department.

Illi ghaldaqstant il-komputazzjoni koretta ai termini tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (ii) ghall-allowance bejn Frar tas-sena 2004 sa Novembru tas-sena 2011 kellha ssir abbazi tal-artikolu 2.4.6.1 A tal-PSMC li ammontat ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u disghin euro u sebghin centezmu (€25,291.70). Tali somma giet imhalsa lir-rikorrent Dr Vella permezz ta' input fid-Dakar Department ref no 11/045 fil-pagament tas-salarju ta' Novembru 2016. . . . . .

**II. L-interpretazzjoni tal-allowance ikkonstestat sewwa taht l-artikolu 2.4.6.1 B (i) u dak taht l-artikolu 2.4.6.1 B (ii) li jaghmel referenza ghal artikolu 2.4.6.1 A tal-PSMC**

Illi din l-eccezzjoni tirrigwarda jekk id-dritt ta' hlas ta' kumpens ghall-qadi ta' funzjonijiet relatati mar-registru pubbliku da parti tar-rikorrenti kellux jigi regolat bl-artikolu 2.4.6.1 B (i) jew bl-artikolu 2.4.6.1 B (ii) li jaghmel referenza ghall-artikolu 2.4.6.1 A tal-PSMC.

Illi jibda biex jinghad illi l-Grievances Unit fir-rakkomandazzjoni taghha ma specifikatx jekk il-komputazzjoni ta' tali allowance mertu ta' din il-kawza kellhiex issir taht il-paragrafu (i) jew (ii) ta' l-istess klawzola (PSMC 2.4.6.1 (b)). Illi kif gja sottomess, is-sottomissjoni tar-rikorrenti illi di fatto l-grievances unit specifikat li l-allowance kellha tinghata taht l-artikolu PSMC 2.4.6.1 B (i) ma gietx ssustanzjata b'ebda prova.

Fuq dan il-punt l-esponenti jaghmel referenza ghall-affidavit ta' Carmen Ogilvie Galea bhala Director General Operations:

*"Nghid illi madanakollu l-Grievances Unit fir-rakkomandazzjoni taghha ma specifikatx jekk il-komputazzjoni ta' tali allowance mertu ta' din il-kawza kellhiex issir taht il-paragrafu (i) jew (ii) ta' l-istess klawzola (PSMC 2.4.6.1 (b));"*

U in kontro-ezami fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2017:

*"Ix-xhud:*
*Imma ftakar, il-B fil-klawsola (i) u (ii). Huma ma specifikawx lanqas."*

Illi b'referenza ghall-interpretazzjoni ta' tali komputazzjoni tal-allowance mertu ta' din il-kawza u b'referenza ghall-artikolu PSMC 2.4.6.1 B (i) l-esponent ikkonferma illi minkejja li l-land registry u l-public registry huma kkunsidrati separati, dawn kienu jaqghu taht l-istess dipartiment u kienu jirrispondu t-tnejn li huma lid-Director General (Operations) fi hdan il-Ministeru t'Ghawdex u dan kollu mill-5 ta' Settembru 2007. Illi di piu' qabel il-5 ta' Settembru 2007 iz-zewg registri kienu jaqghu t-tnejn li huma taht id-Direttur Customer Services fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex.

Illi l-fatti kif imfissrin fil-paragrafu precedenti wasslu ghall-interpretazzjoni korretta illi l-allowance mertu ta' din il-kawza ma kellhiex tinghata ai termini tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (i). Dan *stante* di fatto anki jekk minn punt legali l-ufficcji tal-Land Registry u tal-Public Registry huma kkunsidrati separati u distinti, mil-lat amministrativ dawn l-ufficcji ghandhom jitqiesu li mill-5 ta' Settembru 2007 jaqghu taht l-istess dipartiment, jigifieri taht id-Directorate General (Operations) u precedentement taht id-Direttur tal-Customer Services. Illi ghaldaqstant l-ufficcji tal-Land Registry u l-Public Registry ma setghux jitqiesu li jaqghu taht "*different departments*". Illi di piu' it-tieni parti tal-paragrafu 2.4.6.1 (B) i) jigifieri *"or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another"* ma giex sodisfatt peress illi kemm l-ufficcju ta' land registry u dak tal-public registry jirrispondu taht is-subordinazzjoni tal-istess direttur, jigifieri d-Director General Operations.

Illi dan gie rrilevat kemm fl-Affidavit ta' Carmen Ogilvie Galea bhala Director General Operations:

*"Nghid illi wara kkonsultajt mal-konsulenti legali tal-gvern, inghatajt parir illi ghall-interpretazzjoni ta' tali komputazzjoni tal-allowance mertu ta' din il-kawza illi minkejja li l-*

*land registry u l-public registry huma kkunsidrati separati, dawn kienu jaqghu taht l-istess dipartiment u kienu jirrispondu t-tnejn li huma lid-Director General (Operations) fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u dan kollu mill-hamsa (5) ta' Settembru elfejn u sebgha (2007). Nghid ukoll illi dan ikkonfermah id-direttur Generali Operations Mario Calleja f'Ottubru elfejn u sittax (2016). Illi aktar minn hekk nghid li qabel il-5 ta' Settembru 2007 iz-zewg registri kienu jaqghu t-tnejn li huma taht id-Direttur Customer Services fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex."*

Kif ukoll in kontro-ezami fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2017:

*"Avukat Dottor Carmelo Galea:*
*They do not stand in any immediate relation of subordination or –*
*Ix-xhud:*
*Le. Imma jaqghu taht l-istess Direttorat bhala amministrazzjoni."*

Illi l-istess tezi giet ikkonfermata mis-sur Mario Calleja bhala Ex Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex mis-sena 1994 sa sena 2007 u Ex Direttur General Operations fl-istess Ministeru mis-sena 2007 sa sena 2016 fl-Affidavit tieghu fejn stqarr illi:

*"Inzid illi meta jiena hadt il-kariga ta' Direttur Generali Operations, jiena assumejt ir-responsabbilita' ta' kemm il-Public Registry u l-Land Registry, li ghalkemm huma registri separati u distinti, it-tnejn li huma jaqghu taht l-istess Direttorat u cjoe Director General (operations). Qabel il-hamsa (5) ta' Settembru 2007, dawn ir-Registri kien jaqghu direttament taht id-dipartiment tal-Customer Services."*

Illi x-xhieda kollha prodotti mill-esponent (li huma haddiema tal-Gvern u li jispecifikaw fil-qasam ta' human resources u allowances in generali) jirrilevaw bla ebda dubju illi z-zewg registri jaqghu t-tnejn taht id-Director General operations fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex.

Illi dak li jrid jigi kkunsidrat f'dan l-istadju mhuwiex il-fatt jekk hemm xi ranking ta superjorita' jew subordinazzjoni bejn registri, ufficcji jew units imma taht liema direttorat jaqghu z-zewg posts (acting director public registry u assistant land registrar). Illi dan ir-ragunament ghandu jigi addottat ghaliex fil-kaz odjern il-posts surreferiti jaqghu taht id-direttur general operations u dan ghaliex ir-ranking tal-istess posts ma jistax jigi kkwantifikat gialadarba l-Ministeru t'Ghawdex ihaddan fih diversi dipartimenti li jaqdu l-Gzira t'Ghawdex.

Dan ifisser illi l-interpretazzjoni tal-komputazzjoni tal-allowance mehuda mill-amministrazzjoni pubblika abbazi tal-artikolu 2.4.6.1 B (ii) li twassal ghall-artikolu 2.4.6.1 A PSMC kienet wahda korretta.

Illi fir-rigward tal-ilmenti mnizzla fin-nota ta' sottomissjonijiet ghar-raguni Carmen Ogilvie Galea ma pprezentatx il-pariri moghtija mill-konsulenti legali tal-Gvern, l-esponent jibqa' skantat kif kemm ir-rikorrenti li huwa avukat *in propio* kif ukoll rapprezentant legali tieghu jippretendu illi pariri legali privati u kunfidenzjali jigu

pprezentati fil-mori ta' dawn il-proceduri. Sahanistra waqt is-seduta tat-30 Gunju 2017 dina l-Onorabbli Qorti wissiet r-rikorrenti illi tali pariri legali qatt ma jistghu jigu pprezentati *stante* li jippregudika s-sigriet kunfidenzjali tal-avukat. Illi *di* piu' jinghad ukoll li kwalunkwe parir legali li jinghata bejn klijent u avukat jinghata dejjem **minghajr pregudizzju** u hija l-ghazla tal-klijent illi jsegwi jew ma jsegwix il-parir moghti lilu.

Illi ghar-ragunijiet imfissra l-interpretazzjoni tal-esponent ghall-acting allowance ippunta ghal dak li jinghad fl-artikolu 2.4.6.1 B (ii) u b'konsegwenza l-artikolu 2.4.6.1A PSMC.

Illi r-rikorrent jsemmi fin-nota tieghu illi l-interpretazzjoni li addotta l-esponent kienet rizultat ta' stultifikazzjoni ta' decizjoni li ttiehdet minn amministrazzjonijiet precedenti u li l-esponent dejjem baqa' jara b'mod dejjaq l-ilment ta' Dr Marlin Vella. Madankollu kif xehdet tajjeb Carmen Ogilvie Galea in kontro-ezami tat-30 ta' Gunju 2017, il-grievances unit, ir-review board, hija stess bhala director general operations u l-kumplament tal-amministrazzjoni li kellha x'taqsam ma' din l-interpretazzjoni hadu in konsiderazzjoni kull aspett tal-ilment ta' Dr Vella kif ukoll il-pariri legali tal-konsulenti legali tal-Gvern. Ghaldaqstant din s-sottomissjoni tar-rikorrent ma ssib ebda bazi u hija nfondata.

Aktar minn hekk ir-rikorrenti jibqa' jsemmi u jtenni illi l-esponent kellu jatwa d-decizjoni skont x'qal il-grievances unit u l-bord ta' revizjoni u mhux kif jidhirlu. L-esponent jerga' jirrimarka, u dan skont is-sottomissjonijiet precedenti, illi d-decizjoni ahharija dejjem kienet tispetta lill-Ministeru kkoncernat u certament hija kompetenza tal-Ministeru esponenti.

Ghalhekk l-esponent ipproceda biex jikkalkola l-allowance taht il-paragrafu (ii) tal-istess klawzola li taghmel referenza ghall-artikolu 2.4.6.1 A; *Officers acting as Heads of Department are allowed acting pay as follows*:

*i.* *if their substantive emoluments are not less than the minimum emoluments of the office in which they are acting, they are to receive the former;*

*ii.* *otherwise they receive half the initial salary of the office in which they are acting and half the initial salary of their substantive office, and all the increments which they have earned in their substantive office and any personal allowances to which they may be entitled, provided that they do not receive in all more than the minimum emoluments of the office in which they are acting.*

*This allowance is paid independently of whether the salary attached to the post is available or not, i.e. also during the absence on full-pay leave of the substantive holder of the post. During such periods officers do not receive salary in respect of the substantive post. If the uninterrupted period exceeds 1 year and the salary scale of the post in which officers are acting is incremental, officers will be entitled to the normal increments.*

Illi s-subparagrafu A huwa applikabbli fil-kaz tar-rikorrenti ghaliex il-kariga ta' agent direttur certament hija kariga ta' officer acting as a head of department.

Illi ghaldaqstant il-komputazzjoni koretta ai termini tal-klawzola 2.4.6.1 (b) (ii) ghall-allowance bejn Frar tas-sena 2004 sa Novembru tas-sena 2011 kellha ssir abbazi tal-artikolu 2.4.6.1 A tal-PSMC li ammontat ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u disghin ewro u sebghin centezmu (€25,291.70).

Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tar-rikorrenti finali illi l-ufficcji tar-Registratur tal-Artijiet u tar-Registru Pubbliku huma ufficcji distinti u separati li legalment ma jaqghux taht l-istess dipartiment, din is-sottomissjoni hija zbaljata ghas-semplici fatt illi x-xhieda prodotti kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-esponent stqarru illi iva z-zewg registri huma subordinati lid-Direttur General Operations. Il-fatt illi Ghawdex ghandha sistema' differenti minn dik ta' Malta ma tfissirx illi s-sistema' t'Ghawdex ghandha bilfors tirrifletti dik ta' Malta!

Ir-rikorrent stintament jibqa' jsostni li peress li dawn il-kwistjonijiet tqajmu quddiem il-Grievances Unit il-Ministeru kkoncernat ma kellux ghalfejn jaghmel valutazzjoni tal-ilment ta' Dr Marlin Vella fl-interezza tieghu. A skans ta repetizzjoni l-esponent ha jerga jirrileva biss illi l-proceduri quddiem il-Grievances Unit u l-bord ta' revizjoni ma jissostitwux kwalunkwe valutazzjoni l-Ministeru kkoncernat huwa tenut li jaghmel.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tar-rikorrenti illi huwa kontrasens illi l-Grievances Unit u Bord ta' Revizjoni li irriferew ghall-artikolu 2.4.6.1 B PSMC, l-amministrazzjoni jahdem l-allowance taht l-artikolu 2.4.6.1 A PSMC. L-esponent jirrileva illi kif gja gie spjegat l-artikolu 2.4.6.1 B PSMC ghandu zewg paragrafi fih innifsu u cioe' (i) u (ii), fejn dan tal-ahhar jirreferik ghal 2.4.6.1 A PSMC. Di fatti l-Grievances Unit ma specifikax jekk l-allowance kellux jinhadem taht l-(i) u (ii). Issa anki jekk ghall-grazzja tal-argument *dato ma non concesso* l-Ministeru kien marbut b'din ir-rakkomandazzjoni, xorta wahda kien hemm spazju ghall-interpretazzjoni estensiva u diversa vis-à-vis il-komputazzjoni tal-allowance minn dik li qieghed jitlob ir-rikorrent.

Illi finalment fir-rigward is-sottomissjoni tar-rikorrenti illi l-esponent ma kkontestax l-ahhar posizzjoni mehuda mill-Bord ta' Revizjoni tfisser illi din taghmel stati fil-konfront tal-esponent u huwa obbligat li josservaha u jimplimentaha hija zbaljata ghaliex l-esponent ma kellu l-ebda bzonn illi jikkontesta rakkomandazzjoni minn bord mahtur minnu stess.

Illi ghalhekk id-decizjoni mehuda mill-esponent kienet wahda koretta, mehuda abbazi tal-ligi u msejsa fuq kunsiderazzjonijiet strettament legali."

Illi minn dak suespost huwa car li d-divergenza principali bejn iz-zewg partijiet hija dwar l-interpretazzjoni tal-kliem uzat fil-klawzola tal-

P.S.M.C. 2.4.6.1. B (i) li ghalkemm gia esposta aktar 'il fuq din il-Qorti ser terga' tirriporta hawn. Fl-ewwel lok dan l-artikolu jibda biex jaqra illi:

'When public officers are appointed as Heads of Departiment in an office which is vacant for any reason other than the absence on full pay leave of the holder and they are required to discharge the duties of their substantive office in addition:'

u s-subartikolu (i) jaqra kif isegwi:

'If the offices are distinct and separate offices in different departments, or do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another, they receive half the initial emoluments of the office in which they are acting, and the whole of the emoluments in their substantive office.'

Illi ghalkemm jidher li l-intimat mhux neccessarjament jiddistingwi bejn iz-zewg kriterji distinti u separati li evidentement hemm imnizzla f'dan is-sub-artikolu din il-Qorti tqis li l-applikazzjoni u nterpetazzjoni gusta ta' dan is-sub-artikolu hija li dan is-sub-artikolu jikkontempla zewg sitwazzjonijiet fejn il-hlas ai termini tieghu ghandu japplika u cioe':

(1) If the offices are distinct and separate offices in different departments,

jew (or)

(2) do not stand in any immediate relation of superiority or subordination to one another.

Huwa ghalhekk car li dan sub-artikolu japplika f'kaz li jew l-ewwel sitwazzzjoni hija sodisfatta (1) jew f'kaz li t-tieni kriterju (2) huwa sodisfatt u mhux jekk jissusistux it-tnejn f'daqqa. Facilment jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn l-ewwel sitwazzjoni numru 1 aktar 'il fuq tkun sodisfatta u t-tieni wiehed le jew vice versa izda xorta wahda japplika (stante l-uzu tal-kelma 'or') il-hlas kontemplat f'dan is-sub-artikolu.

Dwar jekk l-ewwel sitwazzjoni tapplikax ghall-kaz tar-rikorrenti jidher li hemm qbil kemm bejn il-partijiet kif ukoll din il-Qorti tikkonkorri li din ma tapplikax ghall-kaz tar-rikorrent stante li rrizulta car li l-karigi li kien

igorr ir-rikorrent (anki rizultat tas-sitwazzjoni specjali tal-Ministeru ta' Ghawdex) kienu jaqghu taht l-istess dipartiment u l-istess Direttur w'ghalhekk ma japplikax ghall-kaz de quo.

Illi izda dwar it-tieni sitwazzjoni din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-interpretazzjoni moghtija lilu mill-Ministeru ntimat. Fil-fatt ghal bosta drabi kemm fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu, il-Ministeru ntimat insista li dan ma japplikax ghaliex iz-zewg karigi li kien jokkupa r-rikorrent kienu jaqghu taht l-istess Direttur (*Director General Operations)* u taht l-istess Dipartiment, ghalkemm jikkwota lill-impjegati tieghu stess fosthom ix-xhud Carmen Ogilvie Galea li taqbel li z-zewg pozizzjonijiet 'do not stand in any immediate relation of superiority or subordination' meta mistoqsija in kontro-ezami mill-abbli legali tar-rikorrenti. Din il-Qorti tistaqsi fejn minn kliem din it-tieni sitwazzjoni kontemplata b'mod separat fis-sub-artikolu (i) terga' tidhol il-kwistjoni ta' taht liema Dipartiment jew Direttur jaqghu l-karigi in kwistjoni? Huwa ovvju lil din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza li l-izball li ghamel il-Ministeru ntimat fil-mori ta' din il-kwistjoni kollha hu li hawwad l-ewwel sitwazzjoni kontemplata mis-subartikolu 2.4.6.1. B (i) mat-tieni sitwazzjoni li hija kompletament distinta u b'hekk naqas milli jiddistingwi bejniethom u jiehu decizjoni separata fuq kull sitwazzjoni kif evidentement jirrikjedi l-istess sub-artikolu bl-uzu tal-kelma 'or'. Mix-xhieda u kontro-ezami ta' Carmen Ogilvie Galea kif ukoll mid-dokumentazzjoni esebita minnha stess johrog car li l-pariri li hija talbet u d-dubji li hija kellha qatt ma kienu qed jikkontemplaw l-applikazzjoni tat-tieni sitwazzjoni kontemplata fis-subartikolu 2.4.6.1. B (i) waheda anzi l-insistenza jidher li dejjem kienet fuq il-kwistjoni jekk iz-zewg karigi kienux jaqghu taht l-istess Dipartiment u xejn oltre minn hekk (ara f'dan ir-rigward b'mod partikolari l-email a fol. 153 u 154 tal-process fejn l-insistenza hija dejjem dwar id-dipartiment: 'My concern is that although they fall under DG (Operations) from an adminsitrative point of view considering the nature of Dr. Vella's roles are the two offices to be considered as falling under different departments?').

Illi t-tieni sitwazzjoni kontemplata fis-subartikolu 2.4.6.1. B (i) timponi biss li z-zewg karigi 'do not stand in any immediate relation of superiority or subordination' kif evidentement huwa l-kaz odjern stante li z-zewg karigi li kien jokkupa r-rikorrenti jemanu sahansitra minn zewg ligijiet kompletament separati minn xulxin **U XEJN AKTAR**. Ir-rapprezentanti u mpjegati tal-istess Ministeru li xehdu f'dawn il-

proceduri kollha kkonfermaw li z-zewg karigi ma kellhom xejn x'jaqsmu wahda mal-ohra u li kienu kompletament separati u distinti minn xulxin. A skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda kif kwotati mir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tieghu. Il-kwistjoni dwar taht liema dipartiment jew direttorat jaqghu b'mod amministrattiv dawn iz-zewg karigi fi hdan il-Ministeru ta' Ghawdex ma tidhol xejn fl-applikazzjoni ta' din it-tieni sitwazzjoni kontemplati f'dan is-sub-artikolu. In vista ta' dan il-Qorti tqis li l-interpretazzjoni moghtija lis-subartikolu 2.4.6.1. B (i) kif moghtija mir-rikorrenti hija dik korretta w'ghalhekk taghmel taghha s-sottomissjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward riportati aktar 'il fuq. Il-Qorti izda taghmilha cara li mhijiex qed tikkonkorri biss ma' dik il-parti tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-pariri legali li ha l-Ministeru stante li tibqa' tal-fehma li l-Ministeru ntimat ma kellu l-ebda obbligu li jesponi dawn il-pariri fl-atti tal-kawza.

**Is-somma pretiza:**

Illi r-rikorrent isostni fir-rikors guramentat tieghu illi b'applikazzjoni tal-artikolu 2.4.6.1. B sub-artikolu (i) ghall-kaz tieghu jirrizulta li l-Ministeru intimat ghad fadallu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u tmintax-il euro u hamsa u disghin centezmu (€74,618.95) liema somma bl-ebda mod ma giet kontestata mill-Ministeru ntimat ghal dak li huwa kalkolu. Il-Qorti ghalhekk la darba ddikjarat li hija taqbel li ghall-kaz odjern ghandu japplika l-artikolu 2.4.6.1. B sub-artikolu (i) tal-P.S.M.C. u mhux dak applikat mill-Ministeru ntimat, ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna l-hlas tas-somma hekk pretiza.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti taqta w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:**

**1. Tiddikjara l-ewwel talba attrici bhala sorvolata;**

**2. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, tichad il-hdax-il eccezzjoni paragrafu (ii); Tichad il-hmistax-il eccezzjoni; tilqa' t-tnax, it-tlettax u l-erbatax-il eccezzjoni fis-sens li tilqa' l-kjarifika li dak dovut lir-**

**rikorrenti mhux 'deputising allowance' izda 'acting allowance'; tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet kollha tal-Ministeru ntimat;**

**3. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u tmintax-il euro u hamsa u disghin centezmu (€74,618.95);**

**4. Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u tmintax-il euro u hamsa u disghin centezmu (€74,618.95) bl-imghaxijiet kollha skont il-ligi mid-data tad-decizjoni tal-appell u cioe' 6 ta' Ottubru, 2016 (fol. 12) sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**